



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 22.12.2006
KUMM(2006) 924 finali

2006/0289 (COD)

-

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda

**id-Direttiva 92/49/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispo-
żizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma assigurazzjoni diretta barra minn
assigurazzjoni tal-ħajja fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-
Kummissjoni**

(preżentata mill-Kummissjoni)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li temenda

id-Direttiva 92/49/KEE dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma assigurazzjoni diretta barra minn assigurazzjoni tal-ħajja fir-rigward tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli I 47(2) u 55 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni¹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat³,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 92/49/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 1992 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu ma assigurazzjoni diretta barra minn assigurazzjoni tal-ħajja u li temenda d-Direttivi 73/239/KEE u 88/357/KEE⁴ tistipula li ċerti miżuri għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistipula l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni⁵.
- (2) Id-Deċiżjoni Nru 1999/468/KE ġiet emendata bid-Deċiżjoni Nru 2006/512/KE li daħlet proċedura regolatorja bi skrutinju għal miżuri ta' implimentazzjoni ta' firxa ġenerali bil-għan li jemendaw elementi mhux essenzjali ta' atti bażiku adottat skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 251 tat-Trattat, inter alia billi tħassar xi wħud minn dawk l-elementi jew billi tissupplimenta l-atti biż-żieda ta' elementi mhux essenzjali oħra.
- (3) Skond id-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni⁶ dwar id-Deċiżjoni Nru 2006/512/KE, atti li huma diġà fis-seħħ għandhom jiġu aġġustati

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

³ ĠU C , , p. .

⁴ ĠU L 228, 11.8.1992, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2005/68/KE, (ĠU L 323, tad-9.12.2005, p. 1).

⁵ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni Nru 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p.11).

skond il-proċeduri applikabbli. Id-dikjarazzjoni tindika lista ta' atti li għandhom ikunu a għgustati b'urġenza, inkluża d-Direttiva Nru 2005/1/KE. Biex din id-Direttiva tiġi konformi, id-Direttiva 92/49/KE għandha tiġi emendata.

- (4) B'mod partikolari, għandha tingħata s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni tad-Direttiva Nru 92/49/KEE, sabiex din tkun tikkunsidra l-iżviluppi tekniċi fis-settur ta' l-assigurazzjoni jew fis-swieq finanzjarji u ti żgura l-applikazzjoni uniformi tagħha. Ukoll, dawn il-miżuri huma maħsuba biex jestendu l-lista ta' forom legali, jemendaw il-listi ta' klassijiet ta' assicurazzjoni jew jadattaw it-terminoloġija użata f'dik il-lista, jikkjarifikaw l-elementi li jikkostitwixxu l-marġni ta' solvenza, jimmodifikaw l-ammont minimu tal-fond ta' garanzija, jemendaw il-lista ta' assi aċċettabbli bħala kopertura għal dispożizzjonijiet tekniċi u r-regoli dwar it-tixrid ta' l-investimenti, jimmodifikaw ir-rilassamenti fir-regoli li jaqblu u jikkjarifikaw id-definizzjonijiet. Peress illi dawn il-miżuri għandhom ambitu ġenerali u huma maħsuba li jemendaw elementi mhux essenzjali tad-Direttiva Nru 92/49/KE, dawn għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju skond l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni Nru 1999/468/KE.
- (5) Id-Direttiva Nru 92/49/KE għalhekk għandha tiġi emendata kif xieraq.
- (6) Peress illi l-emendi li għandhom isiru fid-Direttiva Nru 92/49/KEE huma aġġustamenti ta' natura teknika li jikkonċernaw biss il-proċedura ta' kumitat, dawn ma jinħtieġux traspożizzjoni fl-Istati Membri. Għaldaqstant, mhux neċessarju li jkunu inklużi dispożizzjonijiet f'dan is-sens.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 51 tad-Direttiva 92/49/KE il-frażi ta' introduzzjoni għandha tinbidel b'dan li ġej:

"L-aġġustamenti tekniċi li ġejjin maħsuba biex jemendaw elementi mhux essenzjali tad-Direttivi 73/239/KEE u 88/357/KEE u din id-Direttiva, inkluż billi jissupplimentawhom, għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju imsemmija fl-Artikolu 2(1), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 91/675/KEE"

Artikolu 2

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fi jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

⁶ ĠU C 255, 21.10.2006, p. 1.

Magħmula fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew,
Il-President*

*Għall-Kunsill,
Il-President*